- *Personal contact purchase*

*– Art 2095 G tal- Kodiċi Ċivili*

- *Ħtieġa t'awtorizzazzjoni tal- Qorti għal trasferiment ta' liċenzja*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 1039/2022 GM**

**Michael Debono Limited (C 10002)**

**vs**

**i. Awtorita` Għat-Trasport f'Malta**

**ii. Dr Charmaine Cherrett u l-PL Melissa Mary Victoria Anastasi Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw werrieta mhux magħrufa ta' Ralf Piontek (ID 75166A) li miet nhar is-7 ta' Settembru 2020 għal kull interess li jista' jkun hemm.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Michael Debono Limited (C10002) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Is-soċjeta' Michael Debono Limited u Ralf Piontek kienu daħlu fi skrittura tat-tip Personal Contract Purchase, datata 5 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema s-soċjeta' Michael Debono Limited kienet tat il-pussess tal-vettura Toyota Aygo x-trend WLTP (AY7 2F7) 5dr 1.00 VVT-i 5MT bin-numru ta' reġistrazzjoni IGO - 666 lil Ralf Piontek ta' dak iż-żmien, Helious Court, Flat 1, Triq il-Fekruna, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita’ numru 075166A, kopja ta' liema skrittura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A'.

2. L-imsemmija vettura kienet irreġistrata ma' Transport Malta fuq l-imsemmi Ralf Piontek, u dan skont ma jidher fuq il-log book, kopja ta' liema log book hija hawn annessa u mmarkat bħala Dok. 'B'.

3. L-imsemmi Ralf Piontek ġie nieqes wara inċident awtomobilistiku nhar is-7 ta' Settembru 2020 u dan skont ma jidher miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'C'.

4. Ħadd ma ppreżenta ruħhu bħala l-werriet ta' Ralf Piontek u ħadd ma ħa responsabbilita' sabiex jkompli jagħmel il-pagamenti dovuti skont l-imsemmija skrittura, apparti mill-fatt li sal-lum varji termini minn din l-iskrittura m'humiex jiġu onorati.

5. Ai termini tal-Klawżola numru 22 tal-imsemmija skrittura:

> *22. As continuing security for the payment of all amounts payable to the Company in terms of this Agreement, the Customer with full title guarantee assigns and transfers to the Company its present and future rights and interest in the Vehicle and all appurtenances, accessories and equipment pertinent to the Vehicle and its use, so that by virtue of this Agreement, the ownership of the Vehicle is acquired by the Company, For all effects and purposes, the Company shall, until such time as full and final payment of the total consideration together with all interest due and any charges or sums payable under this Agreement is made, be considered the absolute owner of the Vehicle so transferred and such Vehicle shall not form part of the patrimony of the Customer. This notwithstanding, the logbook for this Vehicle may be registered in the name of the Customer and risk in the Vehicle will pass to the Customer on the date of the Agreement.*

6. Għaldaqstant is-soċjeta' esponenti hija s-sid ta' din il-vettura u llum għandha interess illi din il-vettura tiġi reġistrata f’isimha.

7. Minkejja li l-Awtorita' għat-Trasport f’Malta ġiet interpellata sabiex tirreġistra l-vettura f’isem is-soċjeta' attriċi din baqgħet inadempjenti u dan għaliex fil-fehema tal-istess Awtorita' tali trasferiment jista' jsir biss jew bi qbil bejn il-partijiet, jew b'ordni ta' Qorti u dan skont ma jidher mill-kopja tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Novembru 202,. ittra numru 4815/2021.

8. Fil-fehema tas-soċjeta' attriċi, ladarba mhux kuntestat li hemm tali arretrati, allura m'hemm l-ebda impediment sabiex l-Awtorita' tirreġistra din il-vettura f’ isem

is-soċjeta' rikorrenti, liema reġistrazzjoni tista' ssir mingħajr il-ħtieġa ta' ordni ta' Qorti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-vettura tat-tip Toyota Aygo x-trend WLTP (AY7 2F7) 5 dr 1.00 VVT-i 5MT bin-numru ta' reġrstrazzjoni IGO - 666 tappartjeni lis-soċjeta' attriċi;

2. Tordna lill-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex tirreġistra din il-vettura f'isem is-soċjeta' attriċi.

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ladarba jirriżulta mhux kuntestat li hemm arretrati fuq din il-vettura allura m'hemm l-ebda ħtieġa li tali trasferiment neċessarjament jsir biss b'ordni ta' Qorti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta ("ATM") li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-Awtorita' rispondenti ttenni illi kwalsijasi skrittura ta' bejgħ u klawsoli kuntrattwali inseriti f'tali skrittura ta' bejgħ bejn is-soċjeta' rikorrenti u (li llum defunt) Ralf Piontek, liema skrittura kuntrattwali tikkostitwixxi l-bażi tal-azzjoni intavolata mis-soċjeta' rikorrenti, hija res inter alios acto bejniethom u ma tista' qatt isservi biex l-Awtorita' taqleb ir-reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni minn fuq isem l-imsemmi Ralf Piontek għal fuq isem is-soċjeta' rikorrenti. Dan kif diġa' ġie kjarament imtenni u mfisser fl-Ittra Uffiċjali Numru 4815/2021 intavolata mill-Awtorita' rispondenti bi tweġiba għal Ittra Uffiċjali lilha mibgħuta mis-soċjeta' rikorrenti li ġġib in-numru 4673/2021.

2. F' paragrafu 8 s-soċjeta' rikorrenti li l-Awtorita' għandha tordna li jsir it-trasferiment tal-vettura kif rikjest "ladarba mhux kontestat li hemm tali arretrati". L-Awtorita' rispondenti ma tafx x'arretrati hemm jew m'hemmx u din assolutament mhijiex konsiderazzjoni jew determinazzjoni li għandha tagħmel l-Awtorita', iżda hija determinazzjoni li, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet biex isir it-trasferiment rikjest (naturalment, meta qed issir riferenza hawn għall-"partijiet", fir-rigward ta' Ralf Piontek qed issir riferenza għall-eredi tiegħu), tispetta biss u unikament lil din l-Onorabbli Qorti.

3 Salv għas-suespost, l-Awtorita' rispondenti ttenni illi hija m'għandha ebda interess de proprio u li, bħal dejjem, l-uniku interess tagħha huwa li tobdi kwalsijasi ordni jew provvediment li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti u li taġixxi dejjem skont id-dettami tal-liġi u skont l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti, u għalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna biex isir it-trasferiment rikjest mis-soċjeta' rikorrenti, l-Awtorita' tgħaddi biex tipproċessaħ u tikkompletaħ (salv il-ħlas ta'

kwalsijasi arretrati dovuti) iżda hija ċertament li ma setgħet tawtorizza tali trasferiment mingħajr il-firma tal-venditur u l-kompratur fuq il-log-book u tax-xhieda, diment li ma jkunx hemm ordni tal-Qorti għal dan l-iskop. Għaldastant l-Awtorita' responsiva m'għandha tbati ebda spejjeż relattivi għal din il-kawża.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li permezz tagħha eċċepew illi :

L-esponenti għadhom ma humiex edotti mill-fatti;

L-esponenti jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet kontendenti.

Ikkunsidrat:

Michael Debono Limited ("MD") u Ralf Piontek daħlu fi skrittura tat-tip *Personal Contract Purchase*. Permezz tagħha, Piontek itrasferixxa t-titlu tal-vettura Toyota Aygo lil MD sakemm iħallas id-debitu skont dik l-iskrittura. Minkejja dan, il-logbook kellu jiġi rreġistrat f'isem Piontek u l-vettura kellha tkun a riskju tiegħu. Fi kliem ieħor tatu l-pussess tagħha filwaqt li żammet l-*ownership* sakemm jitħallas id-dejn kollu.

Piontek miet qabel ma laħaq għamel il-pagamenti kollha u mhux magħruf min huma l-werrieta tiegħu.

MD qiegħdha titlob dikjarazzjoni li hija sid il-vettura; u li l-Qorti tordna lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex tirreġistra l-vettura f'isimha. Sa hawn, ATM m'għandha l-ebda oġġezzjoni.

Mhux biss imma: titlob ukoll dikjarazzjoni li m'hemm l-ebda ħtieġa li tali trasferiment bilfors isir b'ordni ta' Qorti. Dan għaliex skont il-liġi[1] f'każ ta' nuqqas ta' ħlas tal-pagamenti, MD m'għandhiex bżonn toqgħod tiġi l-Qorti biex tbiegħ il-vettura inkella żżommha ħalli titħallas tad-debitu dovut lejha.[2] L-abbli avukat difensur ta' MD jissottometti li la l-liġi tgħid hekk – u dan biex tiffaċilita l-kummerċ – lanqas għandha bżonn tiġi l-Qorti sabiex f'ċirkostanzi bħal dawn tiġi ttrasferita l-liċenzja għal għandha. Li anzi jekk isir hekk, il-liġi tkun qiegħdha tiġi stultifikata jekk mhux addirittura miksura. U hawn l-ATM ma taqbilx, għaliex hija ma kinitx parti mill-ftehim u ma tistax toqgħod tiġġudika l-effetti tiegħu.

Il-Qorti, filwaqt li ssib is-sottomissjoni ta' MD waħda ferm interessanti, u li mhix mingħajr ċerta validita`, ma tistax taqbel magħha. Il-fatt li MD hi sid il-vettura, u li f'każ ta' nuqqas ta' pagamenti tad-debitu dovut lilha hija awtorizzata mil-liġi sabiex tiddisponi minnha mingħajr ma tirrikorri għal xi awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma jfissirx li l-liġi **tagħtiha wkoll** il-jedd li titlob lil TM għat-trasferiment tal-liċenzja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. It-test tal-liġi ma jgħid xejn minn dan. Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni ta' vettura toħroġ irrispettivament minn min hu sidha. Il-padrunanza (*ownership*) ta' vettura hija dritt; ir-reġistrazzjoni

[1] It-tip ta' skrittura *Personal Contract Purchase* taqa' taħt l-istitut ġdid fil-Kodiċi Ċivili, introdott fis-sena 2010, ta' garanzija bi trasferiment ta' titlu.[1]

[2] Art. 2095G tal-Kodiċi Ċivili.

tagħha hija dritt (jew forsi aħjar konċessjoni amministrattiva) separat u distint; l-eżerċiżżju tal-waħda ma timplikax l-eżerċizzju tal-oħra.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tilqa' l-ewwel talba.

(2) Tilqa' t-tieni talba.

(3) Tiċħad it-tielet talba.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA